OTT 2013
# ħidmietna f'isimkom
PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR




EDITORJAL

## 20 Sena Kunsill

F'anqas minn xahar iehor nkunu qed nfakkru l-għoxrin sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali tan-Nadur. Propju fl-20 ta' Novembru tal-1993 saret l-ewwel elezzjoni fin-Nadur u r-residenti tan-Nadur eleġġew l-ewwel Kunsill Lokali tagħhom b'Joe Tabone jinħatar bħala l-ewwel Sindku tal-lokalita' tagħna.

Matul dawn l-għoxrin sena rajna lill-Kunsill Lokali tagħna jaħdem bla heda biex jtejjeb il-lokalita' tagħna. Illum f'kull triq li tgħaddi, nkluż fir-raba', f'kull post li tmur fin-Nadur issib proġetti u inizjattivi tal-Kunsill. Matul is-sena kollha r-residenti jieħdu sehem f' attivitajiet li daħlu fil-kalendarju organizzati mill-Kunsill Lokali u jingħataw servizzi ta' kuljum mill-istess Kunsill.

Dan seta' jsir bil-ħidma ta' dawk kollha li servew fil-Kunsill matul dawn l-għoxrin sena iżda wkoll bl-għajnuna li dejjem ta l-Gvern Ċentrali li sena wara l-oħra żied, anke jekk f'ċerti snin bi ftit il-fondi tal-Kunsill, ħareg b'numru ta' skemi ta' għajnuna għall-Kunsilli Lokali u ta ħaddiema biex il-Kunsill ikollu biex jaħdem u jilqa' għall-bżonnijiet tar-residenti.

IKOMPLI ▶

Però fl-aħħar xhur il-Kunsill tan-Nadur b'deċiżjonijiet unilaterali li ttieħdu mill-Gvern Ċentrali spiċċa f' posizzjoni li ftit jista' jaħdem. Spiċċa f'posizzjoni li ma jista' jieħu l-ebda inizjattiva għall-ġid tar-residenti tal-lokalita'.

## TNAQQIS TA' FONDI FL-ALLOKAZZJONI TAL-GVERN LILL-KUNSILLI LOKALI

Għall-ewwel darba wara ħafna snin l-Kunsilli Lokali kellhom tnaqqis fil-fondi allokati lilhom mill-Gvern. L-aħħar darba li kienu tnaqqsu l-fondi tal-Kunsilli Lokali kien fis-snin 1997 u 1998. Minn dakinhar sallum, għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena l-fondi dejjem żdiedu minn sena għal oħra, jew alinqas f'ċertu snin, baqgħu l-istess.

Dan kollu jfisser li minkejja li l-ispejjeż tal-Kunsill komplew jiżdiedu, l-allokazzjoni naqset u għalhekk bilfors tonqos ukoll l-abilita' tal-Kunsill li jagħmel ċertu xogħolijiet importanti fin-Nadur.

M'hemmx dubju li din d-deċizjoni qed ixxekkel lill-Kunsill Lokali tan-Nadur u lill-Kunsilli Lokali l-oħra kollha fil-ħidma tagħhom.



## TNAQQIS TA' ĦADDIEMA

Matul is-snin il-Kunsill Lokali tan-Nadur, bħal Kunsilli oħra ngħata numru ta' ħaddiema mill-Gvern permezz ta' diversi skemi biex dawn jagħmlu xogħol fil-lokalità. Normalment dawn kienu jintużaw fuq tindif, qtugħ ta' ħaxix, żebgħa, manutenzjoni f'kull parti tan-Nadur u xogħolijiet oħra zgħar.

Il-Kunsill kellu assenjati miegħu ħaddiema tal-IPSL, ħaddiema bl-iskemi tal-ETC kif ukoll ħaddiema taħt l-iskema li tgħin persuni b'diżabilita' jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

Fl-aħħar xhur dawn il-ħaddiema ittieħdu lura kważi kollha mill-Gvern Ċentrali taħt xi skuża jew oħra. B' hekk issa l-Kunsill, jew ma' jistax jagħmel ċertu xogħol, inkella qed ikollu jqabbad kuntratturi u jħallas mill-allokazzjoni tiegħu għal dan ix-xogħol.

Anke din id-deċizjoni tat daqqa kbira lill-Kunsill Lokali tan-Nadur u Kunsilli Lokali oħra li bħal tagħna tteħdulhom il-ħaddiema. Min naħa l-oħra hemm ċertu Kunsilli li l-ħaddiema tagħhom mhux talli ma tteħdux iżda żdiedu u żdiedu sew.

## SKEMI GĦAL KUNSILLI BIEX JIĠU MGĦEJJUNA FINANZJARJAMENT

Fl-aħħar snin il-Gvern dejjem alloka ammonti sostanzjali, li f'ċertu snin kienu jammontaw għal miljuni ta' ewro, biex jgħin il-Kunsilli Lokali f' attivitajiet u proġetti speċifiċi.

In-Nadur gawda bħal lokalitajiet oħra minn ħafna minn dawn l-iskemi u permezz tagħhom saru proġetti zgħar u kbar kif ukoll ħafna attivitajiet kulturali fin-Nadur.

Fl-aħħar xhur dawn l-iskemi ixxottaw u magħhom allura ixxottaw ukoll l-inizjattivi ġodda u proġetti ġodda tal-Kunsilli Lokali. Anke dan il-pass qed jimmina l-ħidma tal-Kunsilli Lokali u qed iwassal biex spiċċat riżorsa mportanti ħafna li konna qed nutilizzaw biex ntejbu l-lokalita' tagħna.

## DEĊIZJONIJIET BLA KONSULTAZZJONI MAL-KUNSILL

Il-Kunsill tan-Nadur qed jesperjenza wkoll xi ħaġa ġdida. Dik illi jinbdew xogħolijiet fin-Nadur u f'*areas* li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kunsill mingħajr l-Kunsill lanqas biss jiġi avżat, aħseb u ara kkonsultat. Dan kollu bi ksur kbir tal-liġi tal-Kunsilli Lokali li tesiġi li ssir din il-konsultazzjoni u li ma jsir xejn f'dawk il-postijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kunsill Lokali mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-istess Kunsill.

Iżda dak li hemm fil-ligi donnu ftit huwa mportanti. Kellna diversi okkazzjonijiet fejn il-Kunsill nqabeż kompletament.

L-isfortuna hi li f'uħud minn dawn il-każijiet fejn il-Kunsill nqabeż u ma ġie bl-ebda mod kkonsultat jew avżat saru l-frejjeġ li spiċċaw fil-*media* nazzjonali. Eżempju klassiku huwa dak li ġara f'San Blas fejn il-Gvern beda xogħol mingħajr ma avża lill-Kunsill minkejja li hu obligat bil-liġi li jagħmel dan, liema xogħol wassal għal problemi serji u kritika qawwija fil-*media*.

Dan kollu ma jistax ma jitqiesx bħala attakk fuq l-awtonomija tal-Kunsilli Lokali. Programm intiż biex jaqta' ġwenħajn il-Kunsilli Lokali li kienu qed jaħdmu kollha bla eċċezzjoni għal ġid tar-residenti tagħhom. Allura bilfors tqum il-mistoqsija jekk hux veru li l-prinċipju tas-susidjarjeta' ser jiġi sostnut.

Il-Kunsill ser jibqà jagħmel minn kollox biex ikun ta' servizz għar-residenti minkejja dawn il-problemi li qed jiffaċċja, problemi li ġew fuqu minħabba deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Gvern.




CHRISTMAS OPEN MARKET

**IL-ĦADD 8 TA' DIĊEMBRU** FI PJAZZA SAN PIETRU U SAN PAWL

MIT-8:00am IL-QUDDIEM

# Xogħlijiet



Trattament lis-siġar tal-Palm kontra il-mard



Restawr tal-Monument ta' Dun Karm Caruana



Xogħol fuq il-monument lil Bryan Portelli





Pavimentar ta' Sqaqien fi Triq San Blas u Triq ta' Said



# Avviżi

## Karnival 2014

Is-sena d-dieħla fin-Nadur, il-Karnival organizzat ser jsir il-Ħadd, 23 ta' Frar u dak spontanju jiġi ċċelebrat bejn il-Ġimgħa 28 ta' Frar sat-Tlieta, 4 ta' Marzu. Dawk interessati li jieħdu sehem fil-Karnival organizzat huma mitluba jiġbru l-formula ta' applikazzjoni mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013.

## Websajt Ġdida għall-Kunsill

Ftit tal-Ġimgħat ilu, il-Kunsill Lokali tan-Nadur nieda verzjoni ġdida tal-websajt www.nadur.gov.mt. Nistiednu għalhekk lill-pubbliku nġenerali sabiex iżur din il-paġna li qed tiġi aġġornata bl-aħħar aħbarijiet mill-Kunsill b'mod regolari.




## Facebook Page

Il-Kunsill Lokali tar-raħal tagħna jinsab ukoll fuq Facebook fl-indirizz: www.facebook.com/NadurLocalCouncil.
Wieħed jista faċilment jidħol f'dan l-indirizz u jagħfas *Like* biex ikun parti minn din il-kommunità fuq l-internet.

## Day Care Centre għall-Anzjani

Il-ftuħ ta' dan iċ-ċentru f'Dar Dun Franġisk Grima fi Triq it-Tiġrija se jsir nhar il-Ħadd, 17 ta' Novembru fil-11:00am. Prezentamnet f'din id-dar, l-aktar immirata għall-anzjani rġiel, qed jiġu organizzati attivitajiet ta' kultura u formazzjoni kull nhar ta' Ħamis mid-9.00 ta' filgħodu 'l quddiem.

## Ġbir ta' Skart

Il-Kunsill jixtieq jerġa ifakkar il-ħinijiet li fihom jinġabar l-iskart fil-lokalità tagħna hekk kif daħluf is-seħħ mill-1 ta' Lulju 2013.

**It-Tnejn** - dak f'borża sewda.
**It-Tlieta** - dak f'borża griża BISS.
**L-Erbgħa, il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt** - dak f'borża sewda.

Il-Kunsill ma' dan is-servizz qed jofri ukoll servizz ta' bulk refuse minn wara l-bieb kull nhar ta' Tnejn. Kull ma għandek tagħmel biex tibbukja dan is-servizz huwa billi iċċempel il-Kunsill fuq 21558080.

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur jifraħ lis-Sinjorina Salvina Buttigieg - Rebbieħa tal-premju **Ġieħ in-Nadur 2013**







Wirja:
In-Nadur u l-Kult
Nisrani Tiegħu



Attività tat-Tfal

# MNARJA
# ĠUNJU 2013



Ikla Tradizzjonali
tal-Imnarja



Wirja Agrarja





# WINE FESTIVAL
## AWISSU 2013













2013
MALTA • GOZO





# GREEN BEYOND BORDERS

## Żgħażagħ Ewropej mingħajr Fruntieri



Il-Kunsill taż-Żgħażagħ tan-Nadur (NYC) ħadem b'impenn dan is-sajf biex jippromwovi l-għanijiet li jiffurmawh. Dan kien possibli grazzi ghall-programmi tal-Youth in Action. Fi snin li għaddew, l-NYC offra diversi opportunitajiet lil żgħażagħ Nadurin biex jipparteċipaw f'programmi ta' skambju organizzati barra minn Malta. Din is-sena għażilna li nkunu aħna li nilqgħu fostna numru ta' żgħażagħ barranin. Il-porgramm multilaterali Green Beyond Borders kien miftuħ għal ħamsa u għoxrin żagħżugħ/a minn Malta, l-Ungerija, Rumanija, Polonja u t-Turkija. It-tema ċentrali laħqet tliet skopijiet: li nsaħħu l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ billi nsostnu l-idea taċ-ċittadinanza Ewropea; li nippromwovu l-ambjent naturali u bla fruntieri, filwaqt li ngħarfu aħjar l-rwol tagħna fil-konsevazzjoni tal-ambjent; u fuq kollox, li nikreaw ambjent t'edukazzjoni informali li jippermetti żgħażagħ b'opportunitajiet, kulturi, lingwi u twemmin differenti jaqsmu l-opinjonijiet u l-esperjenzi tagħhom bi spirtu ta' tolleranza u solidarjeta'. Dawn l-għanijiet intlaħħqu b'suċċess permezz ta' diversi attivitajiet u workshops li ppreparajna.

Il-workshops inkludew dibattiti fuq il-kunċett tal-'green economy'; diskussjonijiet fuq l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew; vox pop il-Belt Valletta li permezz tiegħu stajna nieħdu idea ta' kemm il-pubbliku jħossu Ewropew u b'liema impenn qiegħed jgħin fil-pjan nazzjonali biex nipproteġu l-ambjent; kif ukoll tħawwil ta' siġar fin-Nadur b'tifkira ta' din l-esperjenza. Organizzajna wkoll ħarġiet kulturali fiċ-Ċittadella u l-Belt; mawra sa Kemmuna; għawm

fil-bajjiet tad-Dwejra, Għar Qawqla, Ħondoq, Ramla l-Ħamra; mixjiet fl-inħawi tal-Mixta u ta' San Blas; abseiling f'Ħondoq; ħarġiet sal-festa ta' Santa Marija u l-Wine Festival fin-Nadur. Ippjanajna sensiela ta' taħdidiet minn organizzazzjoiniet non-governattivi, fosthom, GAIA Foundation, Sharklab Malta u OASI.

Il-qofol tal-element multikulturali intlaħaq fl-iljieli fejn kull pajjiż ipprepara ikla tradizzjonali u ppreżenta ħelu, xorb, kostumi, mużika u żfin. Iċ-ċelebrazzjoni tad-diversita' kienet waħda eċċezzjonali, l-impenn min-naħa tal-parteċipanti kien ta' sodisfazzjon kbir, filwaqt li l-entużjażmu li lkoll kemm aħna wrejna kienu xhieda ċara tas-suċċess ta' dan il-programm.

Nirringrazzjaw lil Kunsill Lokali Nadur u lid-Dipartiment tat-Turiżmu fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex tal-għajnuna kontinwa f'dan il-proġett.

## SPONSORS

Game Over Bar & Pizzeria - Qala
Xerri l-Bukkett - Qala
Duke foodstore
SharkLab Malta
GAIA Foundation
OASI
Grech's Bakery - Nadur
ERRC

GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI

**http://nadur.gov.mt/about/nadur-youth-council**





# ĊELEBRAZZJONIJIET
# JUM IL-KUNSILL 2013

**Il-Ħadd, 3 ta' Novembru 2013**
**9.30am:** Quddiesa ta' ringrazzjament fil-Kappella taċ-Ċimiterju u wara inawgurazzjoni tal-Monument b'tifkira taż-żgħażugħ Brian Portelli. Xogħol ta' l-artista Herminie Sammut.

**It-Tnejn, 4 ta' Novembru 2013**
**3.30pm:** Sports Day fil-Qasam tal-M.U.S.E.U.M. għat-tfal kollha Nadurin.

**Is-Sibt, 9 ta' Novembru 2013**
**7.30pm:** Lejliet il-festa tal-Kon Patrun San Koronatu. Fit-Teatru MBC jitella Kunċert Mużikali mill-Banda Mnarja. Isir iċ-ċerimonja tal-premju 'Ġieħ in-Nadur' li din is-sena ser jingħata lis-Sinjorina Salvina Butigieg. Wara isir riċeviment.

**Il-Ħadd 10 ta' Novembru 2013**
**8.30am:** Il-membri tal-Kunsill jattendu għal quddiesa Pontifikali ta' Jum il-festa ta' San Koronatu.

**8.30am – 1.00pm:** Isir 'Blood Donation' f'dar San Pietru u San Pawl, Triq Diċembru 13.

**It-Tnejn 11 ta' Novembru 2013**
**7.30pm:** Ftuħ ta' Wirja fis-Sala Joe Tabone ta' xogħlijiet l-istudenti li attendew diversi korsijiet ta' arti matul is-sajf. Isir riċeviment għal membri tal-għaqdiet tan-Nadur.

**It-Tlieta 12 ta' Novembru 2013**
**9.30am:** Talk għal Anżjani mill-membri tal-Korp tal-Pulizxija fis- Sala Parrokjali.

**Il-Ġimgħa 15 ta' Novembru 2013**
**7.30pm:** 'Minn hu n-Naduri li għamel isem'. Serata fil-Gebuba Wine Bar. Is-sena ser tlaqqana ma' Dun Charles Vella. Imexxi is-serata is-Sur Charles Xuereb.

**Is-Sibt 16 ta' Novembru 2013**
**2.00pm:** Tħawil ta' siġar milll-'Għaqda Riħana f' diversi zoni tan-Nadur.

**Il-Ħadd 17 ta' Novembru 2013**
**11.00am:** Ftuħ tad-Day Centre f' 'Dar Dun Franġisk Grima' fi Triq it-Tiġrija.

**9.00am:** Fil-Futbol Ground 'Peter Camilleri', jsir it-tournament 'Joe Tabone Memorja Tournament'.

**9.00am – 1.00pm:** Fi Pjazza San Pietru u San Pawl issir Wirja ta' Vetturi u Trakkijiet Klassiċi, Militari u Antiki. Ikun hemm ukoll *re-enactment* bil-parteċipazzjoni tal-*BATTLEFRONT Living History Group*.

**It-Tnejn, 18 ta' Novembru 2013**
**4.00pm:** Issir ħarġa għall-anzjani Nadurin. Quddiesa fil-Knisja ta' San Pawl, il-Munxar u wara ħin ta' mistrieħ u ikla x-Xlendi